MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 426/2010

**Il-Pulizija**

**v.**

**Michael Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Michael Mifsud talli ghax-xahar ta' Mejju 2010 meta hekk ordnat minn xi qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil martu Maria Rita Mifsud u/jew lil uliedu s-somma fix-xahar li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat la-rtikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq l-ammissjoni ta' l-istess Michael

Mifsud sabitu hati ta’ l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu xahar detenzjoni;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Michael Mifsud ipprezentat fil-11 ta’ Ottubru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta’ l-imputazzjoni kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f’kaz li din il- Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti bbazat id-decizjoni taghha fuq il-fatt li huwa naqas li jhallas il-manteniment lil martu fiz-zmien stipulat. Jghid li l-ewwel Qorti, pero`, naqset milli tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li kellu nuqqas ta’ finanzi u ghalhekk ma setax jonora l-obbligu tieghu, aktar u aktar meta hemm ammont sostanzjali l ijrid ihallas; (2) li l-piena kienet eccessiva u sproporzjonata.

Fis-seduta tallum l-appellant hallas lil martu s-somma kollha dovuta ghax-xahar ta’ Mejju 2010 biex b’hekk il-parte civile ma baqaghlhiex pretensjoni ulterjuri ghal dak ix-xahar.

Issa, l-imputazzjoni dedotta mhijiex, min-natura taghha, rinunzjabbli. Izda, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss**

**ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament.”**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghall-hlas ta’ *ammenda* ta’ tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------